# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 29 ta' Novembru 2019**

**Numru 16**

**Rikors numru 71/14 AF**

**Peter Paul Said, Josef Said, Mark Lorry Said u Peter Paul Debono**

**v.**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija; Direttur Generali Qrati u Tribunali Ghawdex; Direttur Generali Qrati u Tribunali; u l-Avukat Generali**

<u>Preliminari</u>

1. Dan huwa appell maghmul minn Peter Paul Said, Josef Said, Mark Lorry Said u Peter Paul Debono [ir-rikorrenti], mis-sentenza moghtija fid-29 ta' Jannar, 2019, [is-sentenza appellata], mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha [l-ewwel Qorti], li permezz taghha dik il-Qorti cahdet it-talbiet taghhom ghall-waqfien tal-proceduri kriminali

penedenti fil-konfront taghhom bl-ispejjez kontrihom, stante li l-proceduri odjerni kienu intempestivi.

Fatti

2. Wara kwerela[1] pprezentata mill-genituri tal-minuri Lorna Marie Azzopardi [il-minuri], ir-rikorrenti tressqu quddiem il-Qorti tal-Magistrati fit-18 ta' Settembru 2008[2] fejn gew akkuzati b'numru ta' reati ta' natura sesswali kommessi fil-konfront tal-istess minuri allegatament kommessi fis-snin 2007 u 2008. Sussegwentement il-Qorti tal-Magistrati inkarigat lill-espert Martin Bajada sabiex jirrelata dwar it-telefonati u l-messaggi li ntbaghtu min-numru tal-mobile 79001494 jew li gew ricevuti peress li irrizulta fl-investigazzjoni maghmula mill-Pulizija li l-minuri kienet qalet li hi kienet tircievi telefonati fuq dan in-numru. Izda, fix-xhieda taghha quddiem il-Qorti tal-Magistrati fid-9 ta' Ottubru 2008[3], il-minuri qalet ghall-ewwel darba li hi kienet bidlet dan in-numru ghan-numru 79981974 peress li r-rikorrenti kienu baqghu jcemplulha fuqu. Fis-16 ta' Frar, 2009[4], ir-rikorrenti Josef Said u Peter Paul Said ghamlu talba lill-Qorti tal-Magistrati permezz ta' rikors sabiex l-espert jigi ordnat jirrelata wkoll dwar telefonati u messaggi minn u ghal dan in-numru. Fis-seduta tat-23 ta' Lulju 2009[5], il-Qorti tal-Magistrati laqghet it-talba taghhom u ordnat lill-

---

[1] Affidavit Spettur Graziella Buhagiar Muscat a fol. 162.
[2] A fol. 37.
[3] A fol. 193.
[4] A fol. 46.
[5] Verbal a fol. 56.

espert Martin Bajada sabiex ihejji *call profile* ta' dan in-numru ghall-perjodu li jibda mill-1 ta' Jannar 2008, u jispicca fis-16 ta' Frar, 2009. Izda dan ma kienx possibbli li jsir peress li kif stqarret il-minuri dak il-mobile kien tkisser u ghalhekk remietu[6]. Min-naha tieghu l-espert Martin Bajada kien informa lill-Qorti li kien ilu 'l fuq minn sena u nofs ma jithallas ghas-servizzi tieghu bhala espert inkarigat mill-qrati Ghawdxin u ghalhekk ma kienx ser jespleta l-inkarigi tieghu sakemm isir il-hlas[7]. Hu mbaghad ikkonferma fix-xhieda tieghu quddiem l-ewwel Qorti fis-seduta tal-15 ta' Marzu, 2016, li t-terminu indikat mill-Qorti tal-Magistrati kien ghal perjodu wara li kien ghalaq il-perjodu ta' sena li matulu *service providers* huma obbligati li jzommu d-*data*[8] u ghalhekk l-informazzjoni fuq l-ahhar numru ma kinitx ghadha disponibbli.

<u>Mertu</u>

3. Illi r-rikorrenti fethu dawn il-proceduri, fejn filwaqt li qeghdin jippretendu li gie miksur id-dritt fondamentali taghhom tal-prezunzjoni ta' innocenza u li wkoll id-dritt fondamentali taghhom li jressqu provi in difiza taghhom, liema drittijiet hua sanciti permezz tas-subartikolu 39[5] u tal-para. 39[6][d] tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni] u permezz tal-para. 6[3][d] tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-

[6] Verbal tal-Qorti Kriminali a fol. 60.
[7] Verbal tal-Qorti Kriminali a fol. 61.
[8] A fol. 152.

Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [il-Konvenzjoni], talbu lill-ewwel Qorti sabiex:

> "… joghgobha taghmel jew taghti dawk l-ordnijiet u tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi kollha illi tqis xierqa, ....... fosthom illi:
>
> 1. "Tordna l-waqfien komplet tal-proceduri
>
> a. "Fil-konfront tal-esponenti Peter Paul Said fir-rigward tal-ewwel, ir-raba u l-hames akkuza dedotti kontra tieghu;
>
> b. "Fil-konfront tal-esponenti Josef Said fir-rigward tal-ewwel u t-tielet akkuza dedotti kontra tieghu;
>
> 2. "Tordna lill-Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] bhala Qorti Istruttorja, li fl-eventwalita` li tinsab htija fil-konfront tal-esponenti jew min minnhom fir-rigward tal-akkuzi l-ohra, tqis li jezistu cirkustanzi li jimmitigaw il-htija taghhom, u tiehu dawn ic-cirkustanzi inkunsiderazzjoni meta hija tigi biex tapplika l-piena kontra taghhom;
>
> 3. "Taghti dawk id-direttivi l-ohra li din l-istess Qorti jidhrilha xierqa u necessarji sabiex tigi zgurata l-amministrazzjoni korretta tal-gustizzja;
>
> 4. "Anki f'kaz li ghal xi raguni kwalsiasi,ma jintlaqghux jew ma jkunux jistghu jintlaqghu l-ewwel zewg talbiet tal-esponenti, tordna l-hlas favur l-esponenti tal-ammont li jigi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti bhala kumpens gust u xieraq ghall-pregudizzju li huma sofrew perkonsegwenza tas-suespost.
>
> "Bl-Ispejjez".

4. Fir-risposta tieghu, id-Direttur Generali Qrati u Tribunali [Malta] eccepixxa principalment li hu ma kienx il-legittimu kontradittur.

5. L-intimati l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali wiegbu b'mod generali li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti kienu qeghdin jigu respinti minnhom bhala infondati fil-fatt u fid-dritt,

filwaqt li ssottomettew li bl-ebda mod ma seta' jinghad li l-agir tal-prosekuzzjoni seta' ppregudika d-drittijiet tar-rikorrenti meta sahansitra huma kellhom rimedji ordinarji ohra ghad-dispozizzjoni taghhom.

6. Id-Direttur Generali tal-Qrati u Tribunali [Ghawdex] ukoll irrisponda ghat-talbiet tar-rikorrenti, izda dan limitatament dwar l-allegazjoni li hu kien naqas milli jhallas lill-espert inkarigat mill-Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] bhala Qorti Istruttorja [il-Qorti tal-Magistrati]. Jissottometti li l-espert f'kwalunkwe kaz ma setax jespleta t-tieni inkarigu tieghu moghti mill-Qorti tal-Magistrati u d-dewmien fil-hlas tad-dritt dovut lilu minghandu kien ta' ftit xhur minhabba nuqqas ta' finanzi temporanja.

<u>Is-Sentenza Appellata</u>

7. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

> "Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proċeduri, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu lill-Qorti ssib illi ġie leż id-dritt tagħhom għal smigħ xieraq, bi ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-lanjanza tagħhom hija bbażata fuq allegat ksur tal-artikolu 346 tal-Kodiċi Kriminali minħabba li ma nġabarx wieħed mill-*mobile phones* tal-allegata vittma, dewmien tal-Qorti Istruttorja sabiex tiddekrata ir-rikors tagħhom u n-nuqqas tad-Direttur Ġenerali Qrati u Tribunali (Għawdex) milli jħallas id-drittijiet dovuti lill-espert Dr Martin Bajada li wassal sabiex l-espert dam ma wettaq l-inkarigu tiegħu b'dan illi, skont huma, ġew ippreġudikati d-drittijiet tagħhom.
>
> "Mill-atti jirriżulta li r-rikorrenti tressqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti Istruttorja fit-18 ta' Settembru 2008, akkużati b'diversi reati inkluż stupru u abbuż sesswali fuq persuna taħt l-età. Il-kumpilazzjoni tal-provi għadha pendenti.

"Fuq talba tad-difiża, fl-udjenza tat-23 ta' Settembru 2008 il-Qorti Istruttorja ordnat illi jiġi inġunt rappreżentant tas-soċjetà Go Mobile sabiex jixhed u jagħti *call profile* tal-linja tal-*mobile* bin-numru 79001494, u ċioè dik tal-allegata vittma, b'lura minn Jannar tal-2007. Fl-udjenza tat-2 ta' Diċembru 2008, il-Qorti Istruttorja nnominat lil Dr. Martin Bajada sabiex iħejji *call profile* tan-numru 79001494 b'lura minn Jannar tal-2007.

"L-ewwel darba li l-prosekuzzjoni u d-difiża saru jafu bil-linja tal-*mobile* bin-numru 79981974 kien fid-9 ta' Ottubru 2008 meta l-allegata vittma xehdet illi hija kienet bidlet il-linja tal-*mobile* minħabba r-rikorrenti. Dakinhar, id-difiża ma għamlet l-ebda talba lill-Qorti Istruttorja fir-rigward ta' din il-linja.

"Permezz ta' rikors preżentat nhar is-16 ta' Frar 2009, ir-rikorrenti Peter Paul Said u Josef Said għamlu talba lill-Qorti Istruttorja sabiex l-espert nominat minnha jirrelata wkoll dwar il-linja tal-*mobile* bin-numru 79981974 stante li fl-udjenza preċedenti ma kienx ġie verbalizzat li l-inkarigu tal-espert nominat mill-Qorti għandu jkopri dan in-numru wkoll.

"It-talba tar-rikorrenti ġiet milqugħa mill-Qorti Istruttorja fl-udjenza tat-23 ta' Lulju 2009. L-espert Dr. Martin Bajada reġa ġie nominat sabiex iħejji *call profile* kemm tal-linja 79001494 kif ukoll tal-linja 79981974. Fl-istess udjenza, l-Uffiċjal Prosekutur ġiet ordnata televa mill-pussess tal-allegata vittma l-*mobile phones* li kienet tagħmel użu minnhom bejn l-1 ta' Jannar 2008 u s-16 ta' Frar 2009 u tgħaddihom lill-espert tal-Qorti. Fl-udjenza tat-3 ta' Settembru 2009, l-Uffiċjal Prosekutur infurmat lill-Qorti Istruttorja li meta marret sabiex televa mill-pussess tal-allegata vittma l-*mobile phones* indikati fil-verbal tat-23 ta' Lulju 2009, hija kienet ġiet infurmata minn omm l-allegata vittma li dawn kienu ntremew għaliex kienu mkissrin.

"Peress illi l-espert nominat mill-Qorti ma kienx qiegħed jitħallas tal-inkarigi mogħtija lilu mill-Qrati t'Għawdex, fl-udjenza tas-7 ta' Frar 2013 huwa kien informa lill-Qorti Istruttorja li ma setax jespleta l-inkarigu mogħti lilu f'dawk il-proċeduri sakemm ma jerġax jibda jitħallas tax-xogħol illi kien qiegħed jagħmel.

"Fl-udjenza tat-2 ta' Mejju 2013 ġie verbalizzat illi sa dakinhar l-espert kien għadu ma tħallasx u allura kien għadu mhux f'posizzjoni jespleta l-inkarigu mogħti lilu f'dawk il-proċeduri. L-espert espleta l-inkarigu mogħti lilu mill-Qorti Istruttorja meta ġiet riżolta l-kwistjoni dwar il-pagamenti dovuti lilu. Ir-rapport tiegħu huwa datat 4 ta' Diċembru 2013. Madanakollu, f'dan ir-rapport ma saret l-ebda riferenza għall-*mobile phones* tal-allegata vittma.

"L-espert Dr. Martin Bajada xehed quddiem din il-Qorti fejn spjega li t-talba tad-difiża fir-rigward tal-*mobile phones* tal-allegata vittma kienet saret *fuori termine* fis-sens illi s-*service providers* huma obbligati

jżommu d-*data* tal-*mobile phones* sa sena u t-talba tar-rikorrenti kienet saret wara li kien għadda sena mill-perjodu rilevanti għall-proċeduri. Jispega wkoll illi sabiex jespleta l-inkarigu mogħti lilu, huwa jkollu bżonn il-*mobile phone* in kwistjoni. Jirriżulta għalhekk illi l-espert ma seta' qatt jespleta l-inkarigu mogħti sabiex iħejji *call profile* tal-linja tal-*mobile* 79981974 għall-perjodu mitlub għaliex il-*mobile phone* li kien jintuża mill-vittma fil-perjodu mertu tal-każ ma kienx instab u kienet laħqet għaddiet sena bejn il-perjodu rilevanti u meta l-espert kien qiegħed jespeta l-inkarigu u allura s-*service providers* kienu laħqu ħassru l-informazzjoni.

"Skont ir-rikorrenti, minħabba dan kollu huma ma setgħux jottjenu informazzjoni li kienet indispensabbli għad-difiża tagħhom u li għalhekk, ġie leż id-dritt fundamentali tagħhom għal smigħ xieraq. Minkejja li fir-rikors promotur tagħhom ir-rikorrenti jgħidu huma ġarrbu ksur tad-drittijiet tagħhom kif sanċiti permezz tal-artikoli 39(5) u 39(6)(d) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(3)(d) tal-Konvenzjoni Ewropea, fis-sottomissjonijiet tagħhom jagħmlu riferenza biss għall-ksur tal-prinċipju tal-*equality of arms* li huwa inkorporat fl-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.

"Id-disposizzjonijiet rilevanti tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jipprovdu illi:

> *"(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.*
>
> *....*
>
> "*(5) Kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati:*
>
> "*Iżda ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skont l-awtorità ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu safejn dik il-liġi timponi fuq xi persuna akkużata kif intqal qabel il-piż tal-prova ta' fatti partikolari.*
>
> "(6) *Kull min ikun akkużat b'reat kriminali -*
> *(d)* "*għandu jiġi mogħti faċilitajiet biex jeżamina personalment jew permezz tar-rappreżentant legali tiegħu x-xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni quddiem kull qorti u li jikseb l-attendenza ta' xhieda suġġett għall-ħlas tal-ispejjeż raġonevoli tagħhom, u jagħmel l-eżami tax-xhieda li jkunu ser jixhdu għalih quddiem il-qorti bl-istess kondizzjonijiet bħal dawk li jgħoddu għal xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni;"*

"L-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi li:

> "*Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u*

*imparzjali mwaqqaf b'ligi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu eskluzi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'socjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieg, jew safejn ikun rigorozament meħtieg fil-fehma tal-qorti f'cirkostanzi specjali meta l-pubblicità tista' tippregudika l-interessi tal-gustizzja."*

"Ir-rikorrenti qegħdin jinvokaw ukoll l-artikolu 6(3)(d) tal-Konvenzjoni Ewropea li jipprovdi illi:

*"Kull min ikun akkuzat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li gejjin:*

*(d) li jezamina jew li jara li jigu ezaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-ezami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu;"*

"Ir-rikorrenti ma spjegawx kif allegatament ġie leż id-dritt tagħhom li jkunu meqjusa innoċenti u li jeżaminaw x-xhieda. Fil-fatt, jidher li l-lanjanza tagħhom hija bażata biss fuq allegat ksur tal-prinċipju tal-*equality of arms.* Dwar dan il-prinċipju, intqal hekk mill-Qorti Ewropea fil-każ ta' A.B. v Slovakia tal-4 ta' Marzu 2003:

"*The principle of equality of arms – one of the elements of the broader concept of a fair trial – requires that each party should be afforded a reasonable opportunity to present his or her case under conditions that do not place him or her at a substantial disadvantage vis-a-vis his or her opponent.*"

"Madanakollu, huwa prinċipju assodat kemm fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea li sabiex jiġi determinat jekk ir-rikorrenti ġarrbux ksur tad-dritt tagħhom għal smigħ xieraq, din il-Qorti trid tqis il-proċess fl-intier tiegħu u għalhekk, fejn il-proċess kriminali għadu għaddej, bħal fil-każ tallum, it-talba tar-rikorrenti sabiex il-Qorti ssib ksur tad-drittijiet tagħhom, hija intempestiva.

"Kif proprju qalet il-Qorti Kriminali fil-każ The Republic of Malta vs Anna-Maria Beatrice Ciocanel, deċiża fil-5 ta' Diċembru 2013:

"*It is a well established principle that as a rule questions relating to fair trial are to be addressed upon an assessment of the trial as a whole and that it is only at the conclusion of such trial that a proper assessment of whether there has been a fair trial can be made.*"

Fil-każ ta' Anthony Zarb et vs Il-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali et tas-16 ta' Ottubru 2002, il-Qorti Kostituzzjonali osservat li:

"*huwa risaput minn studju tal-gurisprudenza in materja, li biex tigi deciza il-kwistjoni jekk inghatax smiegh xieraq jew le, skond l-artikoli Kostituzzjonali citati qabel, wiehed ma jistax, u ma ghandux, semplicement jiffoka fuq xi parti biss tal-process gudizzjarju u jekk isib kwalunkwe nuqqas ikun x'ikun, allura wiehed inezorabilment ikollu jikkonkludi li l-process gudizzjarju kollu hu konsegwentement vizjat.*

> *Invece, biex wiehed jasal ghal decizjoni jekk kienx hemm ksur tad-dritti fondamentali ghal smiegh xieraq, ikun mehtieg li l-"iter" shih tal-process gudizzjarju jigi analizzat. Il-valutazzjoni trid issir fuq l-assjem ta' l-elementi kolha li jifformaw il-process gudizzjarji, ghax hu biss minn tali valutazzjoni komprensiva li wiehed jista' jasal kien ragjonevolment jiddeciedi jekk kienx hemm vjolazzjoni ta` l-imsemmi dritt fondamentali.*"

"Fil-każ ta' Morgan Ehi Egbomon vs Avukat Generali, deċiża mill-istess Qorti, fis-16 ta' Marzu 2011, intqal li:

> "*Ghalhekk, sewwa qalet l-ewwel qorti illi, qabel ma jkun sar u ntemm il-process penali, ikun prematur illi jsir minn din il-qorti l-ezercizzju li jrid l-appellant, kemm ghax l-appellant ghad ghandu ghad dispozizzjoni tieghu rimedji u l-mezzi ta' harsien kollha li jaghtih il-process penali - u ghalhekk ghad ghandu ir-rimedji taht il-ligi ordinarja - u kif ukoll ghax din il-qorti ghadha ma tistax tqis it-process penali kollu kemm hu – ghax ghadu ma sarx - biex tkun tista' tghid kienx hemm ksur tal-jeddijiet fundamentali, mhux f'episodju izolat, izda fil-kuntest tal-process meqjus kollu kemm hu u bl-applikazzjoni in concreto tad-dispozizzjonijiet tal-ligi attakkati.*"

"L-istess ħaga qalet il-Qorti Ewropea fis-sentenza aktar ricenti mogħtija fil-5 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet Tyrone Fenech et v Malta:

> "*In the present case the criminal proceedings concerning the applicants have not come to an end. Thus, although the constitutional jurisdictions have already decided the matter, the Court considers that it cannot be excluded that, inter alia, the applicants be eventually aquitted or that proceedings be discontinued.*
>
> "*The Court observes that applications concerning the same subject matter as that at issue in the present case were rejected as premature when the criminal proceedings were still pending (see, Dimech, ... § 48, Kesik v. Turkey, (dec.), no. 18376/09, 24 August 2010 and Simons v. Belgium (dec.), no. 71407/10, 28 August 2012) and, where the applicant had ultimately been acquitted, the complaint was rejected on the ground that the applicant had no victim status (see Bouglame v. Belgium (dec.), no 16147/08, 2 March 2010).*
>
> "*The Court finds no reason to deem otherwise in the present case. Without prejudice to the applicants' possibility of bringing new proceedings before this Court in the event of a conviction by the domestic courts, as matters stand to date, given that the criminal proceedings against the applicants are currently pending before the domestic courts, the Court finds this complaint to be premature.*"

"Fuq skorta tal-ġurisprudenza rilevanti, huwa ċar illi sabiex il-Qorti tiddeċiedi jekk ġiex leż id-dritt tar-rikorrenti għal smigħ xieraq, trid tistenna li l-proċeduri kriminali minn fejn twieldu l-lanjanzi tagħhom jiġu fi tmiemhom. F'dan l-istadju, din il-Qorti mhijiex f'posizzjoni tikkunsidra l-ilmenti tagħhom fid-dawl tal-proċeduri fl-intier tagħhom sabiex tagħmel evalwazzjoni ta' kif dak li jilmentaw dwaru ser jinċidi fuq il-verdett finali. Jista' jkun illi fl-aħħar mill-aħħar, huma ma jinstabux ħatja

tal-akkużi miġjuba kontrihom jew jinstabu ħatja abbażi ta' xhieda inkonfutabbli.

"Fil-każ preżenti, huwa biss wara verdett finali li r-rikorrenti jistgħu jressqu l-allegazzjonijiet tagħhom ta' ksur tad-drittijiet fundamentali għaliex huwa biss wara li jkun hemm deċiżjoni finali mill-Qrati ta' kompetenza kriminali li l-Qrati Kostituzzjonali jistgħu jagħmlu evalwazzjoni dwar jekk seħħx jew le dan l-allegat ksur.

"Ladarba l-Qorti qiegħda ssib illi din l-azzjoni saret qabel waqtha, mhux meħtieġ illi tkompli billi tqis l-eċċezzjonijiet tal-intimati. Iżda l-Qorti żżid illi fi kwalunkwe każ, ir-rikorrenti ma ġabux l-iċken prova sabiex jikkonvinċuha li ġew leżi d-drittijiet tagħhom minħabba l-fatt illi l-espert nominat mill-Qorti Istruttorja ma setax jagħmel *call profile* tal-linja tal-*mobile* in kwistjoni. Dan in vista tas-segwenti osservazzjonijiet:

I. "Ir-rikorrenti ma taw l-ebda ħjiel ta' x'setgħet kienet din l-informazzjoni li skont huma kienet indispensabbli għad-difiża tagħhom li setgħet tinġabar biss minn dan il-*call profile*;

II. "Ir-rikorrenti ma ġabu l-ebda prova li turi li kieku l-espert nominat mill-Qorti Istruttorja qeda l-inkarigu tiegħu immedjatament (jew addirittura malli għamlu t-talba tagħhom permezz tar-rikors tas-16 ta' Frar 2009) kien ser ikun jista' jiġbor l-informazzjoni mitluba, fid-dawl tal-fatt mhux kontestat illi l-*mobile phone* in kwistjoni ma kienx fil-pussess tal-allegata vittma għaliex kienet iddisponiet minnu;

III. "L-espert nominat mill-Qorti Istruttorja Dr Martin Bajada stqarr li t-talba tar-rikorrenti kienet, fi kwalunkwe każ, *fuori termine* għaliex is-*service providers* iżommu l-informazzjoni meħtieġa għal sena biss;

IV. "Ir-rikorrenti ma ġabu l-ebda prova li l-prosekuzzjoni kienet taf illi l-allegata vittma kellha linja tal-*mobile* oħra qabel ma xehdet dwarha quddiem il-Qorti Istruttorja. Dan ifisser li mhuwiex minnu li l-prosekuzzjoni aġixxiet bi ksur tal-artikolu 346 tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi, inter alia, li l-pulizija għandha tiġbor prova sew kontra sew favur il-persuna suspettata. Il-pulizija ma tistax tiġbor prova qabel ma tkun taf biha;

V. "Kienu r-rikorrenti li baqgħu passivi għal xhur sħaħ qabel ma talbu lill-Qorti Istruttorja tordna li ssir *call profile* ta' din il-linja tal-*mobile*".

## L-Appell

8. Ir-rikorrenti fit-18 ta' Frar, 2019, appellaw mis-sentenza tal-ewwel Qorti fejn jghidu li l-aggravji taghhom huma molteplici u huma s-segwenti:

[a] l-ewwel Qorti traskurat ghal kollox id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni li jinghata rimedju anke meta l-vjolazzjoni tkun potenzjali [“x’aktarx]; [b] l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta ddecidiet li ghad ma kienx hemm l-ebda ksur ta’ xi dritt fondamentali tar-rikorrenti.

9. L-intimati l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali wiegbu fl-1 ta’ Marzu 2019 billi jghidu: [a] l-ewwel Qorti kienet korretta meta ddecidiet li l-proceduri odjerni huma intempestivi, ghaliex ghad-determinazzjoni dwar jekk sehhitx vjolazzjoni jew le fil-proceduri kriminali kontra r-rikorrenti, ghandu jitqies il-process fl-intier tieghu, mentri fil-kaz odjern dan il-proceduri kienu ghadhom pendenti quddiem il-Qorti Kriminali; [b] ir-rikorrenti naqsu milli juri li verament sehh ksur tad-drittijiet fondamentali taghhom.

10. Fir-risposta tieghu l-intimat id-Direttur Generali [Malta] jinsisti li s-sentenza appellata hi ekwa u gusta u ghalhekk ghandha tigi konfermata fl-intier taghha. Ghal darb’ohra jtenni li hu mhux il-legittimu kontradittur.

11. L-intimat id-Direttur Generali [Ghawdex] wiegeb ghal-appell interpost mir-rikorrenti billi wkoll jghid li s-sentenza appellata ghandha tigi kkonfermata. Jghid li l-ewwel Qorti ma kinitx sabitu responsabbli ghall-allegat ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti u f’kwalunkwe kaz ma

kinitx tirrizulta raguni valida ghaliex l-apprezzament tal-provi maghmula minn dik il-Qorti ghandu jigi ddisturbat.

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

12. Din il-Qorti ser tghaddi sabiex tikkonsidra z-zewg aggravji mressqa mir-rikorrenti flimkien stante li l-konsiderazzjonijiet legali li ghandhom isiru huma minsuga flimkien. L-istess jista' jinghad ghat-tliet risposti pprezentati separatament mill-intimati l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali, id-Direttur Generali [Ghawdex] u d-Direttur Generali [Malta].

*L-Ewwel Aggravju*

13. Ir-rikorrenti jghidu li jhossuhom aggravati bil-fatt li l-ewwel Qorti ma tatx debita konsiderazzjoni lid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni. Huma jispejgaw hekk dan l-aggravju:

> "Fl-ewwel lok, kemm is-sentenza kif ukoll il-kunsiderazzjonijiet tal-Ewwel Onorabbli jittraskuraw ghal kollox id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, liema artikolu jipprovdi kif gej:
>
> "(1) Bla hsara ghad-disposizzjonijeit tas-subartikolu (6) u (7) ta' dan l-artikolu, kull persuna li tallega li xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 (maghdudin ta' din il-Kostituzzjoni tkun giet, tkun qed tigi **<u>jew tkun x'aktarx ser tigi miksura dwarha</u>**, jew kull persuna ohra li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'Malta tista' tahtar ad istanza ta' xi persuna li hkk tallega, tista', bla hsara ghal kull azzjoni ohra dwar l-istess haga li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghal rimedju.

> "Issa huwa pacifiku li d-dritt li l-esponenti qeghdin jirrivendikaw jinkwadra ruhu fid-dispozizzjonijiet tal-artikolu 39 u kwindi huwa applikabbli ghalih dak li jipprovdi l-artikolu 46.
>
> "F'dan ir-rigward, jista' jaghti lok li l-Kostituzzjoni ta' Malta hija iktar protettiva mill-Konvenzjoni Ewropea swar id-Drittijiet tal-Bniedem, u ghalhekk id-decizjonijiet tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem mhux necessarjament japplikaw ghall-forum nostran.
>
> "Huwa sottomess bir-rispett li l-formulazzjoni ta' dan l-artikolu ma jhalli l-ebda lok ghal interpretazzjoni ghaliex huwa car bizzejjed fis-sens li l-fatt biss li "x'aktarx" ser jigi miksur fil-futur xi wiehed mid-drittijiet fundamentali stabbiliti bl-artikolu 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni huwa sufficjenti sabiex jippermetti lill-persuna kkoncernata jew sahansitra persuna ohra fl-interess taghha li tipprezenta rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili sabiex titlob ir-rimedju opportun".
>
> "...Il-possibbilita` li, minhabba nuqqas tal-prosekuzzjoni li tipprezerva l-provi li jirrizultaw mill-uzu taz-zewg linji tal-mobile tal-parti civili x'aktarx li iccahhadhom mill-possibbilita` li jezoneraw ruhhom mill-akkuzi infondati imressqa kontra taghhom, u konsengwentement ghamdhom jigu ordnati r-rimedji favur."

*It-Tieni Aggravju*

14. Dan jikkonsisti fil-fatt li, ladarba l-ewwel Qorti laqghet l-eccezzjoni tal-intempestivita`, ma kellhiex taghmel konsiderazzjonijiet dwar il-kumplament tal-eccezzjonijiet. Huma fissru hekk dan l-aggravju:

> "Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, lanqas l-Ewwel Onorabbli Qorti lanqas ma kienet korretta meta kkonkludiet li fil-konfront tal-esponenti ghadu ma twettaq l-ebda ksur ta' xi wiehed mid-drittijiet fundamentali taghhom.
>
> "L-esponenti jinnotaw li qabel il-parti konkluziva u dispozittiva tas-sentenza taghha, l-Ewwel Onorabbli Qorti ddikjarat li
>
> "Ladarba l-Qorti qieghda ssib illi din l-azzjoni saret qabel waqtha, mhux mehtieg illi tkompli billi tqis l-eccezzjonijiet tal-intimati.

> "Izda imbaghad kompliet sabiex tesprimi *obiter* xi hsibijiet taghha dwar dawk l-eccezzjonijiet u dwar jekk, fil-mertu, l-esponenti rnexxilhomx jippruvaw il-kaz taghhom.
>
> "Madankollu, fid-dawl tal-fatt tad-dikjarazzjoni li ma kinitx ser tesprimi ruhha fuq dawn l-eccezzjonijiet, l-esponenti jissottomettu li dawn il-kunsiderazzjonijiet *obiter* la jehtiegu u lamqas jistghu jitqiesu li huma parti mid-dispozittiv tas-sentenza u ghalhekk la jehtieg u lanqas jistghu jiffurmaw parti mill-aggravji li qeghdin jitressqu ghall-attenzjoni u decizjoni ta' din l-Onorrabbli Qorti".

15. L-intimati Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali wiegbu hekk ghall-aggravji tar-rikorrenti:

> "..l-ewwel Qorti kienet korretta meta waslet ghal konkluzjoni li l-kawza odjerna hija intempestiva galadarba il-kawza kriminali ghadha pendenti u allura wiehed ghandu jezamina il-jedd ghal-smigh xoeraq fit-totalita` tal-proceduri in kwistjoni. Illi l-Qrati nostrana trattaw il-punt li meta l-Qrati jigu biex japplikaw l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, jridu tabilfors iqisu l-fatturi processwali partikolari tal-kaz, b'modilli biex jiddeterminaw jekk kien hemm ksur tal-jedd ta' smigh xieraq, iridu jqisu l-process kollu kemm hu.
>
> "Dan ifisser li l-Qorti ma tistax u ma ghandhiex tiffoka fuq bicca biss mill-process shih gudizzjarju biex minnu, jekk issib xi nuqqas jew ghelt, jasal ghall-konkluzjoni li tabilfors isehh ksur tal-jedd tas- smigh xieraq".
>
> *Omissis*
>
> "Huwa inspjegabbli kif l-appellanti qeghdin jghidu li qed jibbazaw id-difiza taghhom fuq dan in-numru is-79981974, pero` sal-gurnata tal-lum ghadhom ma spjegawx sewwa sew ir-raguni ghalfejn dan in-numru huwa daqshekk importanti ghalihom u x'relevanza ghandu ghal-kawza kriminali. Min jallega irid jipprova u f'kawza kostituzzjonali li minnha innifisha hija azzjoni straordinarja, kellhom l-appellanti talinqas igiebu prova li n-numru 79981974 huwa verament krucjali ghad-difiza taghhom u mhux semplicement jitfghu allegazzjonijiet fiergha u bla bazi. Pero` ghadna sal-gurnata tal-lum ma nafux x'relevanza ghandu dan in-numru.
>
> "Minn ezami tal-atti processwali ma jirrizultax li l-appellanti gew b'xi mod imcahhda milli jressqu xi provi b'tali mod li wiehed jista' jikkonkludi li ma ghandhomx smigh xieraq. L-appellanti kellhom u ghad ghandhom l-istess opportunita` sabiex jirraprezentaw l-kaz taghhom, li jressqu l-provi, jaghmlu kontro-ezamijiet u ghandhom access ugwali ghal-istess

informazzjoni fil-process. Fuq kollox ghandhom kull opportunita` li jaghmlu d-difiza taghhom. Sa dan l-istadju tal-proceduri kriminali ma giet determinata l-ebda akkuza kriminali fil-konfront tal-appellanti u l-oneru tal-prova jispetta dejjem lil prosekuzzjoni. Minn dan kollu huwa car kemm din l-azzjoni hija wahda intempestiva galadarba r-rikrrenti ghandhom prezunti innocenti u ma gie deciz xejn kontrihom. Fil-kawza kriminali kontra r-rikorrenti, il-prosekuzzjoni ma ghandha l-ebda vantagg, la zghir u lanqas sostanzjali fuq id-difiza anzi l-oneru tal-prova hija kollha fuq il-prosekuzzjoni ghaliex principju iehor hu li akkuzat ma hu tenut jipporova xejn.

“Illi l-esponent jikkonkludi dwar dan il-punt billi jghid li jekk il-prova tan-numru hija daqshekk importanti sabiex tipprova l-innocenza tar-rikorrenti huma kellhom jindikawa fil-bidu tal-investigazzjoni u meta gew mitkellma mill-pulizija. Pero` hadd minnhom ma semma dan in-numru mal-ufficjal investigattiv. Meta Lorma Marie Azzopardi semmiet in-numru 79981974 waqt is-seduta d-difiza ma ghamlet l-ebda mistoqsija dwar dan in-numru u l-uzu tieghu u l-importanza ta’ dan in-numru. Ma hemm l-ebda verbal f’dan is-sens. Kieku dan in-numru huwa daqshekk importanti ghad-difiza, haga bhal dik issemmiha mill-ewwel. L-esponenti itennu li n-numru relevanti ghal meta sehhew l-allegati reati huwa n-numru l-iehor is-79001494 u dwar dan in-numru sar dak kollu li seta’ jsir fuqu bhala *call profile analysis*. Ir-rikorrenti baqghu qatt ma qalu r-relevanza tan-numru 79981974 u jekk kienx hemm xi aperusin partikolari li kkomunikaw permezz ta’ dan in-numru. Jekk hemm xi tip ta’ komunikazzjoni tramite dan in-numru partikolari r-rikorrenti jistghu dejjem jindikaw il-persuni involuti f’tali komunikazzjoni sabiex eventwalment jixhdu l-Qorti. Pero` dan qatt ma saru u allura l-appellati bl-akbar rispett jghidu li galadarba l-importanza ta’ dan in-numru baqa’ misteru, r-rikorrenti qajmu din il-kwistjoni tan-numru bl-ghan li jtawlu kemm jista’ jkun il-proceduri kriminali”.

16. Min-naha tieghu l-intimat id-Direttur Generali [Malta] isostni li d-decizjoni tal-ewwel Qorti hija tajba u li hu ma kienx il-legittimu kontradittur. L-istess jghid l-intimat id-Direttur Generali [Ghawdex], b’dana li jissottometti li hu ghandu jirrispondi biss fir-rigward tal-allegazzjoni maghmula mir-rikorrenti li hu kien naqas milli jhallas lill-espert Martin Bajada li kien gie inkarigat mill-Qorti tal-Magistrati fejn jaghmel referenza ghall-eccezzjonijiet imressqa minnu quddiem l-ewwel Qorti. Jirrileva li min-naha taghhom ir-rikorrenti ma esprimewx li jhossuhom aggravati bil-

mod li ddecidiet l-ewwel Qorti, jigifieri li wara kollox it-talba taghhom kienet *fuori termine* ghax kien diga` ghadda l-perijodu ta' sena ghar-retenzjoni tad-data dwar il-mobile.

17. L-ewwel Qorti wara li citat is-subartikolu 39[5] u l-para. 39[6][d] tal-Kostituzzjoni u l-para. 6[3][d] tal-Konvenzjoni, osservat li jidher li l-ilment tar-rikorrenti hu dwar l-allegat ksur tal-principju tal-*equality of arms.* Ghamlet referenza ghal kaz deciz mill-Qorti Ewropea fl-ismijiet **A.B. v. Slovakia** fl-4 ta' Marzu 2003 u kkonsidrat li hu principju assodat kemm fil-gurisprudenza ta' dik il-Qorti u wkoll fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna li sabiex jigi determinat minn din il-Qorti jekk inkisirx id-dritt tar-rikorrenti ghal smigh xieraq hemm bzonn li jitqies il-process fl-intier tieghu. Fejn il-process kien ghadu ghaddej, bhal ma hu fil-kaz odjern, it-talba tar-rikorrenti hi wahda intempestiva. Dik il-Qorti Irrilevat li ma kinitx f'pozizzjoni li taghmel evalwazzjoni ta' kif l-ilment tar-rikorrent ser jincidi fuq il-verdett finali, sahansitra jistghu ma jinstabux hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghhom jew jinstabu hatja abbazi ta' xhieda ohra inkonfutabbli. Ir-rikorrenti setghu ghalhekk legalment iressqu l-ilment taghhom biss wara verdett finali. In vista ta' dan l-ewwel Qorti ddecidiet li ma tkomplix tqies l-ecezzjonijiet l-ohra tal-intimati izda ziedet li f'kwalunkwe kaz ir-rikorrenti ma kienu ressqu l-ebda prova dwar ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti rizultanti mill-fatt li l-espert inkarigat mill-

Qorti tal-Magistrati ma setax jaghmel *call profile.* Dik il-Qorti ghamlet ukoll diversi osservazzjonijiet in sostenn ta' din l-osservazzjoni taghha.

*Konsiderazzjonijiet ulterjuri ta' din il-Qorti*

18. Din il-Qorti taqbel mad-decizjoni tal-ewwel Qorti dwar l-intempestivita` tal-ilment tar-rikorrenti. Dawn isostnu li l-ilment taghhom hu li n-nuqqas tal-prosekuzzjoni li tigbor il-provi x'aktarx kien ser icahhadhom mill-possibbilita` li jezoneraw ruhhom mill-akkuzi migjuba kontrihom u ghalhekk huma ghandhom id-dritt skont l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni li jirrikorru ghall-qrati ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali sabiex jiksbu rimedju. Hawn din il-Qorti mill-ewwel tosserva li r-rikorrenti naqsu milli jispjegaw kif in-nuqqas tad-*data* dwar <u>it-tieni</u> mobile, li l-minuri kienet akkwistat sabiex ma tkomplix tircevi telefonati minghand ir-rikorrenti, kien ta' rilevanza determinanti fl-ezitu tal-process kriminali. Dak li jista' jkun relevanti huwa d-*data* li l-minuri kienet tircevi fuq <u>l-ewwel</u> mobile, li kienet tuza fiz-zmien inkriminat, u li dwaru ma hemmx ilment. Ghalhekk din il-Qorti ma tarax li bin-nuqqas tal-provi dwar it-tieni mobile ir-rikorrenti ser jew x'aktarx ser isofru pregudizzju reali u attwali fil-proceduri kriminali migjuba kontra taghhom, b'mod li ghandha tinterferixxi f'dan l-istadju fil-proceduri pendenti.

19. Din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jghidu l-awturi **Harris, O'Boyle & Warbrick** fil-ktieb taghhom Law of the European Convention on Huma Rights[9] jghidu:

> "Finally, it is relevant to note that in some contexts a breach of Article 6 willonly be found to have occurred upon proof of 'actual prejudice' to the applicant. This is the case in the application of the residual 'fair hearing' guarantee in Article 6[1] [fn. 5, See below, p 246. Thus in a 'fair hearing' case, 'where the procedural flaw is not central to the notion of a fair hearing … a violation will be registered if the shortcoming in question caused actual prejudice to the defence': Harper v UK No 11229/84, 1986 unreported, quoted in Stavros, p 44] …
>
> "In cases in which 'actual prejudice' is sought, this will be decided on the basis of the hearing 'as a whole', so that a procedural deficiency that is outweighted by other aspects of the hearing [fn. 8 See eg, Stanford vs UKA 282-A [1994]] or that is rectified on appeal [fn. 9 See eg, Edwards vs UK A 247-B [1992]; 15 EHRR 417] will not involve a breach of Article 6.".

20. Barra minn hekk hija gurisprudenza Ewropea li, sabiex jigi kostatat jekk hemmx ksur jew le tad-dritt ghal smigh xieraq ghandhom jitqies ic-cirkostanzi tal-kaz partikolari, kif wkoll il-process fl-intier tieghu. Dan l-insenjament gie ripetut ricentement fid-decizjoni fl-ismijiet **Case of Beuze v. Belgium**[10] fejn intqal hekk:

> "120. The fairness of a criminal trial must be guaranteed in all circumstances. However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case [see Ibrahim and Others, cited above, §250]. The Court's primary concern, in examining a complaint under Article 6 § 1, is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings [see, among many other authorities, Bykov v. Russia [GC], no. 4378/02, §§ 94-105, 10 March 2009; Taxquet v. Belgium [GC], no 926/05, §§ 84 and 93-100, ECHR 2010; Al-Khawaja and Tahery v. the United Kingdom [GC], nos. 26766/05 and 22228/06, §§ 118, and 152-65, ECHR 2011; Dvorski, cited above, §§ 81-82 and 103-13;

[9] Tieni Ed., a fol. 202 u 204.
[10] App.nru. 71409/10, 9 ta' Novembru 2018.

> Schatschaschwili v. Germany [GC], no. 9154/10, §§ 101 and 161-65, ECHR 2015; Blokhin v. Russia [GC], no. 47152/06 , §§ 194 and 211-16, 23 March 2016; Lhermitte v. Belgium [GC], no. 34238/09, §§ 69 and 83-85, 29 November 2016; Ibrahim and Others cited above, §§ 274, 280-94, and 301-11; and Correia de Matos v.Portugal [GC], no. 56402/13, §§ 118, 120, and 160-68, 4 April 2018].
>
> "121. As the Court has found on numerous occasions, compliance with the requirements of a fair trial must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident, although it cannot be ruled out that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings".

21. L-istess insenjament isegwuh dawn il-Qrati, kif rifless fir-referenzi maghmula mill-ewwel Qorti ghall-gurisprudenza[11], u ghalhekk ghandu jinghad li dak li ghalih jipprovdi l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ma jnaqqas xejn mill-bzonn li jitqiesu l-proceduri shah ghajr ghal dawk is-sitwazzjonijiet partikolari li jistghu jirravvizaw ruhhom u li l-Qorti, kif ser jigi spjegat aktar tard, mill-ewwel tghid li l-kaz odjern ma jinkwadrax ruhu f'sitwazzjoni simili. Ghalhekk l-ewwel Qorti kellha kull ragun li tiddeciedi li l-ilment tar-rikorrenti hu intempestiv ghaliex ma kinitx f'pozizzjoni li taghmel evalwazzjoni ta' kif l-ilment taghhom kien ser jincidi fuq il-verdett finali - ahseb u ara kemm ghandha tilqa' t-talba taghhom ghall-waqfien tal-proceduri kriminali kontrihom meta huma proprju dawk il-proceduri fl-intier taghhom li jistghu jwasslu ghal decizjoni dwar sejbien jew le ta' ksur.

[11] Ara wkoll Q.Kost. 47/2011, **Edgar Publio Bonnici Cachia v. Avukat Generali**, 5 ta' Dicembru 2014, u r-riferenzi maghmulin mill-P.A.[Sede Kost.] fis-sentenza taghha tad-29 ta' April 2014.

22. Dwar id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, ir-rikorrenti jghidu li "*…jista' jaghti lok li l-Kostituzzjoni ta' Malta hija aktar protettiva mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem…*" u jieqfu hemm minghajr kjarifika ahjar ta' din is-sottomissjoni taghhom. Izda din il-Qorti tissenjala li l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ma jistax jinftiehem b'dan il-mod. Ghall-kuntrarju, kif jinghad mill-awturi appena citati hawn fuq fl-ahhar sentenza, jista' jkun li jirrizulta fattur tant deciziv ghad-dritt ta' smigh xieraq kif sancit taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni li l-proceduri jkollhom jigu ezaminati qabel l-eghluq taghhom. Izda kif tghid l-ewwel Qorti, "*… ir-rikorrenti ma gabux l-icken prova sabiex jikkonvincuha li gew lezi [jew x'aktarx ser jigu lezi] id-drittijiet taghhom minhabba l-fatt illi l-espert nominat mill-Qorti Istruttorja ma setax jaghmel* call profile *tal-linja tal-*mobile *inkwistjoni*"*.* Bhal fil-kaz tal-ewwel Qorti, fin-nuqqas ta' provi jew sottomissjonijiet ta' kjarifika min-naha tar-rikorrenti, din il-Qorti ma tistax tifhem kif dan il-fattur wahdu ghandu jigi evalwat f'dan l-istadju tal-proceduri kriminali fid-dawl tal-ilment tar-rikorrenti ta' ksur tad-dritt taghhom ghal smigh xieraq.

23. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

24. Dwar it-tieni aggravju tar-rikorrenti fejn jghidu li, wara li l-ewwel Qorti ddikjarat li mhiex ser tqies l-eccezzjonijiet l-ohra tal-intimati ghaliex

sabet li l-azzjoni kienet intempestiva, xorta wahda esprimiet *obiter* xi hsibijiet taghha dwar l-istess eccezzjonijiet u wkoll fuq il-mertu.

25. Din il-Qorti tqis li dawk il-konsiderazzjonijiet ghandhom jinqraw fid-dawl tad-dikjarazzjoni tal-ewwel Qorti dwar in-nuqqas ta' provi konvincenti min-naha tar-rikorrenti sabiex tikkonsidra l-ilment taghhom, u wkoll fid-dawl ta' dak li gie kkostat minn din il-Qorti li ma ssibx li r-rikorrenti ressqu ragunijiet sufficjenti biex jikkonvincuha tqies l-allegat nuqqas tal-prosekuzzjoni f'dan l-istadju tal-proceduri kriminali. L-osservazzjonijiet tal-ewwel Qorti huma proprju dawk li wassluha ghall-konvinciment taghha, dwar il-kwistjoni ta' intempestivita`.

26. Barra minn hekk din il-Qorti ma tarax li dawk il-konsiderazzjonijiet idghajjfu l-konkluzjoni raggjunta minnha dwar l-intempestivita` , kif lanqas ma tara kif dawk l-istess konsiderazzjonijiet jistghu jkunu ta' pregudizzju ghar-rikorrenti fil-proceduri kriminali, stante li dawk jifformaw parti mill-gudizzju f'dawn il-proceduri biss.

27. Rigward il-parti dispozittiva tas-sentenza, din il-Qorti tissenjala biss li, tenut kont li l-azzjoni giet dikjarata intempestiva, jigi precizat li l-ewwel Qorti ma kellhiex tichad it-talbiet izda kellha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom u tillibera lill-intimati mill-osservanza tal-gudizzju.

28. Ghaldaqstant din il-Qorti issib dan l-aggravju parzjalment gustifikat.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-appell tar-rikorrenti izda tirriforma s-sentenza appellata billi, minflok tichad it-talbiet tar-rikorrenti, tiddikjara li ma tihux konjizzjoni ulterjuri tal-azzjoni u tillibera lill-intimati mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu mill-istess rikorrenti.

Joseph Azzopardi
Prim Imhallef

Giannino Caruana Demajo
Imhallef

Noel Cuschieri
Imhallef

Deputat Registratur
mb